VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,851, 6 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 2 tal-2012**

## ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
## (KAP. 217)
## Regolamenti tal-2012 dwar Ġurisdizzjoni Addizzjonali tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1**. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar Ġurisdizzjoni Addizzjoniali tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

Kompetenza li jisma' l-appelli marbutin mar-rifjut, l-annullament jew ir-revoka tal-viża.

**2**. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għandu l-kompetenza li jisma' l-appelli marbutin mar-rifjut, l-annullament jew ir-revoka tal-viża b'referenza għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) tal-Artikolu 32 u tal-paragrafu (7) tal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru. 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi).

Kompetenza li jisma' l-appelli relatati mat-trasferiment ta' persuna minn pajjiż terz.

**3**. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għandu wkoll il-kompetenza li jisma' l-appelli minn deċiżjoni mat-trasferiment minn Malta ta' persuna minn pajjiż terz lejn Stat Membru ieħor fil-kuntest tat-teħid tal-inkarigu jew it-teħid lura ta' tali persuni b'referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 343/2003/KE tat-18 ta' Frar 2003 dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitati f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (magħrufa bħala r-Regolament ta' Dublin).

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 2 of 2012**

# IMMIGRATION ACT
## (Cap. 217)
## Immigration Appeals Board (Additional Jurisdiction) Regulations, 2012

IN exercise of the powers conferred upon him by article 36 of the Immigration Act, the Minister for Justice and Home Affairs has made the following regulations:-

Title.

**1**. The title of these regulations is the Immigration Appeals Board (Additional Jurisdiction) Regulations, 2012.

Competence to hear appeals relating to refusal, annulment or revocation of visa.

**2**. The Immigration Appeals Board has the competence to hear appeals related to the refusal, annulment or revocation of the visa with reference to the provisions of paragraph (3) of Article 32 and paragraph (7) of Article 34 of the Regulation (EC) No. 810/2009 of the European Parliament and of the Council of 13 July 2009 establishing a Community Code on Visas (Visa Code).

Competence to hear appeals relating to transfer of a third country national.

**3**. The Immigration Appeals Board also has the competence to hear appeals from decisions for the transfer of a third country national from Malta to another Member State in the context of the taking charge or taking back of such person with reference to the provisions of Articles 19 and 20 of Council Regulation (EC) No. 343/2003 of 18 February 2003 establishing the criteria and mechanisms for determining the Member State responsible for examining an asylum application lodged in one of the Member States by a third-country national (known as the Dublin Regulation).

---

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**